QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Ruth Grech**

Numru 269/2009

Illum 12 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Ruth Grech**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bint Joseph Grech u Rita neé Magro, imwielda l-Pietà fid-9 ta' Marzu 1982, u toqghod fil-fond Nru. 65, Triq il-Kampanella, Fgura, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 165682(M)

akkuzata talli fit-13 ta' April 2008, ghall-habta tal-4.00 ta' filghodu, fi Triq Villabate, Haz-Zabbar waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha ta' l-ghamla Toyota, mudell Vitz u bin-numru ta' registrazzjoni RUT 903, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti:

1. ikkagunat offiza gravi fuq il-persuna ta' Jane Ciantar, hekk kif iccertifikat minn Dr. Analise Gauci (*Warrant* Mediku bin-Numru 3039) tal-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkagunat offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Ciantar, kif iccertifikat minn Dr. Jean Paul Tabone (*Warrant* Mediku bin-Numru 3051);

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunat hsarat fil-vettura tal-ghamla Ford, mudell Transit u bin-numru tar-registrazzjoni HAF 052, ghad-dannu ta' Anthony u Jane konjugi Ciantar, u persuni ohra;

4. fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, saqet jew ippruvat issuq jew kellha kontroll ta' *motor-car* fit-triq, meta ma kinitx b'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb, kif ukoll talli saqet, ippruvat issuq, jew kellha kontroll tal-imsemmija *motor-car* fit-triq, wara li kienet ikkonsmat tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt mil-Ligi;

5. irrifjutat li taghti kampjun tan-nifs kif mahsub fl-Artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Ruth Grech u dan skond kif inhu mitlub fl-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 989/2008 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> "Il-Magistrat Inkwirenti, tordna li kopja ta' dan il-Process Verbal tigi mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra Ruth Grech *ai termini* ta' l-Artikoli 226(1)(a)(b), 226(1)(c), 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' l-Artikolu 15A, 15E(4) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta".[1]

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 205) datata 8 ta' Mejju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 15A, 15B, 15D(b), 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 226(1)(a)(b)(c) u 328(b)(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 382A, 383, 384, u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 208), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 205), f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi d-difiza ddikjarat li l-imputata ma kienitx ser tixhed f'dawn il-proceduri (*a fol.* 221 u 237).

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2015, il-Qorti diversament preseduta semghet is-sottomissjonijiet finali da parte tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 260 *et seq.*).

[1] *A fol.* 12 tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

**<u>Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 273 *et seq.*).</u>**

Rat illi, fis-seduti tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 280) u tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 281), il-Prosekuzzjoni, il-*parte civile* u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 281), il-Qorti kif preseduta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 286 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009, xehdet **Oriana Deguara** (Deputat Registratur – *a fol.* 9) fejn ezebiet Process Verbal (*a fol.* 10A) bin-Numru 989/2008 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke liema process verbal jirrigwarda l-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009, xehed ukoll **Dr. Anthony Cutajar** (*a fol.* 12) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab fil-Process Verbal hawn fuq imsemmi.[2]

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2009, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 14 *et seq.*) fejn ghamel riferenza ghall-incident stradali *de quo* li kien jinvolvi vann u vettura, fejn Jane Ciantar li kienet fil-vettura, giet mittiehda l-iSptar Mater Dei peress li kellha griehi ta' natura gravi u kienet fil-periklu

[2] *A fol.* 65 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

li titlef hajjitha. Jghid li nfethet Inkjesta Magisterjali u spjega dak li gie nfurmat bih fir-rigward tal-incident stradali in kwistjoni u fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti minnu.

In kontro-ezami jghid li l-persuni li ghamel riferenza ghalihom fid-depozizzjoni tieghu gew mitkellma mill-Pulizija tad-distrett u minn Dr. Anthony Cutajar li gie nkarigat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Jghid li huwa ma marx fuq il-lok tal-incident.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2010, xehed **Anthony Ciantar** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut ghal xi l-4.00am kien qed isuq vann Transit minn Haz-Zabbar u sejjer fit-triq li tiehdok lejn ir-Razzett tal-Hbiberija, f'Wied il-Ghajn. Jghid li mieghu kien hemm martu Jane u n-neputija Kylie. Jghid li l-imputata kienet f'vettura zghira u kienet gejja mid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn lejn Haz-Zabbar. Jispjega li waqt li kien fuq in-naha tieghu tat-triq, hekk kif *"appena ha nasal qisu f'nofs it-triq"* (*a fol.* 26), ra dawl gej minn faccata tieghu, naqqas l-i*speed* u zamm fuq in-naha tieghu, jghid li kwazi kien waqaf, u kif l-imputata regghet marret fuq in-naha taghha, wara ftit sekondi regghet dahlet fil-karreggjata tieghu, giet faccata tieghu, mill-genb tieghu, u sehh l-impatt. Jghid li l-vann inqaleb. Jixhed li l-vann tieghu, li kien ilu ghandu hames snin, spicca *total loss* u li l-impatt fuq il-vann kien fuq in-naha tax-xufier, mill-*mudguard* sal-bieba tieghu. Jixhed li martu giet mittiehda l-iSptar pero li sofriet xi griehi. Jghid li hu kellu daqqa fuq mohhu, spalltu u saqajh tal-lemin.

In kontro-ezami jikkonferma li fil-vann hemm *seat* fejn kien hu u kif ukoll *seat* iehor magenbu li fuqu joqghodu zewg min nies. Jghid li mentri n-neputija Kylie kienet bil-qieghda fejn il-bieba l-ohra u martu kienet bejnu u bejn in-neputija. Ikkonferma li meta xtara l-vann kien biddillu l-magna.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 211 *et seq.*), jghid li qaleb il-magna *diesel* 20 *litre*. Jghid li, qabel sehh l-incident, ma kien hemm l-ebda traffiku fit-triq sejjer lejn ir-Razzett tal-Hbiberija. Jixhed li huwa waqaf x'hin ra l-vettura l-ohra gejja minn faccata tieghu u wara kien ser jaqla'. Jghid li l-karreggjata li

kien fiha mhijiex dejqa u li ma kienx hemm vetturi u li hu kien kwazi mal-bankina. Jichad li kien hemm vetturi pparkjati u dana minkejja li gie suggeriet lilu li kien hemm vettura pparkjata u minkejja li l-Pulizija fl-iskizz immarkaw vettura pparkjata.

In <u>ri-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 214 *et seq.*), specifika li meta qal li ra l-vettura l-ohra gejja faccata tieghu, jghid li din kienet qabzet izjed in-nofs tat-triq. Jghid li huwa ma habat ma xejn wara li qala' daqqa mill-vettura l-ohra. Fuq l-iskizz li jinsab *a fol.* 109 tal-Process Verbal[3] huwa mmarka b'salib b'cirku fejn sehh l-impatt. Jghid li r-ritratt li jinsab bejn *a fol.* 109 u *a fol.* 110 tal-Process Verbal[4] juri kif il-vann spicca fuq il-bankina wara l-habta

Fl-Inkjesta Magisterjali[5], fit-23 ta' April 2008, Anthony Ciantar xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom quddiem il-Qorti. Jghid li kien qed isuq bi *speed* ta' cirka 25 mil fis-siegha. Jghid: *"nara mid-direzzjoni opposta dawl ta' vettura gej minn wara liwja ghal fuq il-karreggjata tieghi u hemm hsibt li kienet gejja ghal go fija, izda din regghet dahlet fil-karreggjata taghha, u f'daqqa wahda, kif waslet cirka f'tul ta' zewg vetturi boghod mill-vettura tieghi, serrpet ghal fuq il-vettura tieghi, tatni daqqa qawwija fuq il-genb tal-lemin, tant li l-vann tieghi li huwa Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni HAF 052 spicca maqlub f'nofs il-karreggjata tieghi, parti minnu fuq il-bankina"*.[6] Jghid li kemm hu, martu u n-neputija kienu lebsin is-*seat belt*. Jghid li huwa baqa' dejjem fuq in-naha tieghu tat-triq. Jispecifika li l-i*speed* tal-vettura l-ohra kien wiehed qawwi.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2010, xehdet ukoll **Jane Ciantar** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet fil-vann misjuq minn zewgha Anthony u maghhom kien hemm in-neputija Kylie. Tghid li hi kienet fin-nofs. Tixhed li kienu fi triqithom lejn ir-Razzett tal-Hbiberija. Mistoqsija tghid x'rat, twiegeb: *"Xejn xejn xejn. Ma rajt xejn"* (*a fol.* 38). Tghid ukoll li ma hasset xejn u li dak li taf hu li giet l-ambulanza u li giet operata. Tghid li nehhewlha l-misla, inkisrulha hames kustilji u ghandha problema b'ghonqha.

[3] *A fol.* 10A.
[4] *Ibid.*
[5] *A fol.* 71 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
[6] *A fol.* 71-72 tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

Mistoqsija tghid x'inhi s-sitwazzjoni medika taghha, wiegbet: *"Ser joperawni minn ghonqi ghax ghandi idi ma ntellaghhiex. Anke jekk naqbad bott jew mug zghir"* (*a fol.* 40). Tghid li ghandha dizabilita'.

**Jane Ciantar** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011 (*a fol.* 153 *et seq.*) fejn meta giet mistoqsija tghid x'taghmel meta tirkeb vettura, wiegbet li taghmel is-*seat belt*. Tghid li dakinhar tal-incident in-neputija kienet bil-qieghda hdejha fuq quddiem u li hi (Jane Ciantar) kienet bil-qieghda fin-nofs bejn in-neputija u zewgha. Tikkonferma li hemm *seat belt* ghal kull persuna.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 218 *et seq.*), tghid li ma tiftakarx li kellha xi griehi f'rasha.

Fl-Inkjesta Magisterjali[7], fl-20 ta' Mejju 2008, Jane Ciantar xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom quddiem il-Qorti.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2010, xehed is-**Sur Joseph Zammit** (*a fol.* 44) fejn spjega li huwa kien ezamina z-zewg vetturi nvoluti fl-incident. Jghid li mill-ezamijiet teknici li ghamel fuq iz-zewg vetturi ma rrizultalux li l-incident seta' gie kkagunat minn xi *fault* f'xi wahda minnhom. Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu u kkonfermaha.[8]

**Is-Sur Joseph Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 193 *et seq.*) fejn rega' kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab fil-Process Verbal[9].

In kontro-ezami jghid li l-*pre-accident value* tal-vann kien dak ta' Lm1,200. Jghid li r-*wreck value* kien ta' Lm200 minhabba li l-magna kienet ghadha sewwa. Jghid li dawn ic-cifri wasal ghalihom skond il-*book value.* Jghid li huwa ma ghandux kopja tar-*records* tal-*book value* ta' dak iz-zmien. Jispjega li huwa ra l-vetturi mertu tal-proceduri odjerni l-ghada ta' l-incident.

---

7 *A fol.* 84 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
8 *A fol.* 18 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
9 *Ibid.*

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2010, xehed ukoll **Brian Farrugia** (*Legal Officer* ma' Transport Malta – *a fol.* 46) fejn qal li fit-13 ta' April 2008, vettura ta' l-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni RUT 903 kienet registrata fuq l-imputata u li vettura Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni HAF 052 kien registrata fuq Anthony Ciantar. Ezebixxa d-dokumenti li xehed fuqhom li gew immarkati bhala Dok. "BF" (*a fol.* 48 *et seq.*) u Dok. "BF 1" (*a fol.* 52 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li fid-dokumenti li pprezenta hemm indikat l-ispecifikazzjonijiet tal-vetturi.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Frar 2010, xehdet ukoll **Dr. Analise Gauci** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut, meta ddahhlet Jane Ciantar l-iSptar, hija kienet l-Emergenza tal-iSptar Mater Dei. Hija spjegat xi griehi rrizulta li kellha Jane Ciantar. Tghid li l-griehi sofferti minn Ciantar kienu *"grievous per natura"* (*a fol.* 57). Hija ezebiet ic-certifikat redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "AG" (*a fol.* 59).

Fl-Inkjesta Magisterjali[10], fil-5 ta' Gunju 2008, Dr. Analise Gauci xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom quddiem il-Qorti.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010, xehdet **WPS 156 Sonia Parascandolo** (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn spjegat li wara li dahlet l-informazzjoni fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar rigward l-incident hija marret fuq il-post tal-incident. Tghid li sabet Ford bin-numru ta' registrazzjoni HAF 052 maqlub fuq il-genb tax-xellug. Tghid li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm vettura Vitz bin-numru ta' registrazzjoni RUT 903 li kienet wiccha lejn Wied il-Ghajn. Tghid li meta tkellmet mal-imputata, ix-xufier tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RUT 903, gie deciz li jsirilha *breathalyser test* li mmarka 100mg u wara li giet mittiehda d-Depot biex isirilha t-tieni test, l-imputata rrifjutat. Wara li giet murija *a fol.* 109 tal-Process Verbal[11] ikkonfermat li dan huwa l-iskizz li ghamlet hi. Ipprezentat r-rapport li hejjiet, liema rapport gie immarkat bhala Dok. "SP" (*a fol.* 68 *et seq.*).

---

[10] *A fol.* 86 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
[11] *A fol.* 10A.

Fl-Inkjesta Magisterjali[12], fit-23 ta' April 2008, WPS 156 Sonia Parascandalo xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom quddiem il-Qorti. Hija tghid li l-konjugi Ciantar qalulha li meta sehh l-incident huma kienu lebsin is-*seatbelts*.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2010, xehed ukoll **Stephen Cachia** (*a fol.* 74) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Brian Farrugia fis-seduta tat-12 ta' Frar 2010. Ezebixxa d-dokumenti li xehed fuqhom, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "SC" (*a fol.* 76 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehed **PC 1600 Gilbert Gatt** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn spjega li wara li acceda fuq il-post tal-akkadut ftit hin wara li dan kien sehh, huwa gie mitlub sabiex jaghmel *breathalyser test* fuq l-imputata. Jghid: *"Kienet tidher li qieghda taht l-influwenza ta' l-alkohol minhabba li kienet xi ftit imhawwda u anke kellha riha ta' xorb. Tajnieha t-twissija li ser nehdulha sample tan-nifs taghha biex naraw jekk kienitx qed issuq taht l-influwenza ta' l-alkohol u li kellha dritt tirrifjutah pero hi ghazlet li taghmel it-test"* (*a fol.* 107). Jghid li l-qari tat-test irrizulta 100mg. Mistoqsi jghid jekk ghandux dan il-qari wiegeb fin-negattiv peress li qal li dan ikun *digital*. Setgha josserva li l-vettura Vitz kellha daqqa kbira fuq quddiem. Ezebixxa l-*prime note* li gew immarkati bhala Dok. "GG" (*a fol.* 111).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-*prime note* gew miktuba dakinhar stess.

Fl-Inkjesta Magisterjali[13], fit-30 ta' April 2008, PC 1600 Gilbert Gatt xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom quddiem il-Qorti. Jghid li huwa biss l-ewwel test li ma jaghtix *hard copy* peress li dan jindika l-qari fuq id-*display* tal-apparat li juzaw.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2010, xehed ukoll **PC 345 Mark Cremona** (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn qal li wara li l-kollega tieghu ghamel il-*breathalyser test* fuq l-imputata dan it-test immarka 100mg. Jghid li hu u l-kollega tieghu marru fuq il-post tal-incident wara li dan kien sehh. Jghid: *"barra li l-persuna ma bdietx tirreagixxi b'mod normali, fil-konfront taghna dehrilna li kienet taht l-effett ta' l-alkohol*

[12] *A fol.* 68 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
[13] *A fol.* 77 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

*anke ghaliex xammejna r-riha ta' l-alkohol u anke mill-agir li kienet qed taghmel din il-persuna"* (*a fol.* 113). Jghid li din kienet mhux qed timxi, kienet qed tpoggi ma' l-art u terga' tqum. Jghid li setgha jinnota li mentri l-Vitz kienet tidher qed tipprocedi lejn Wied il-Ghajn, il-vann kien fuq in-naha l-ohra bil-kontra ta' Wied il-Ghajn u jghid li kien maqlub. Ezebixxa l-*prime note* li gew immarkati bhala Dok. "MC" (*a fol.* 119).

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-*breathalyser test* ghamlu PC 1600.

Fl-Inkjesta Magisterjali[14], fit-30 ta' April 2008, PC 345 Mark Cremona xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom quddiem il-Qorti.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010, xehdet **WPC 183 Sarah Seychell** (*a fol.* 127 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut giet mitluba tmur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija flimkien mal-imputata biex ikun jista' jsirilha l-*breathalyser test*. Tghid li wara li l-imputata giet infurmata li setghet tirrifjuta li taghmel dan it-test, hija rrifjutat li taghmlu. Tghid li l-imputata kellha fuqha riha ta' xorb.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010, xehdet ukoll **Kylie Ciantar** (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tal-akkadut kienet flimkien man-nanniet taghha u baqghet diehla fihom vettura ohra. Tghid li ma tafx kif gara l-incident peress li kienet bil-qieghda fejn it-tieqa u ma kienitx qed thares il-quddiem. Tghid li l-ghada tal-incident hasset xi ugiegh f'saqajha u tghid li kellha xi tbengil. Tghid li nannuha beda jsuq bil-mod u li kien qed isuq fuq in-naha tal-bankina.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li n-nanna taghha kienet bil-qieghda bejnha u bejn nannuha. Tghid li l-vann li kienet fih inqaleb u gie fuq in-naha taghha. Tghid li nannietha spiccat ma' l-art fit-triq.

In <u>ri-ezami</u> mistoqsija tghid min kien liebes is-*seat belt*, filwaqt li tghid li hija kellha, ma tafx jekk in-nanniet taghha kellhomx.

[14] *A fol.* 78 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 223 *et seq.*), tikkonferma li n-nanna taghha kienet bil-qieghda bejnha u nannuha. Ma tistax tispjega kif hekk kif sehh l-impatt in-nanna taghha harget mill-vettura. Mistoqsija tghid kif tnehha s-*seatbelt* tan-nanna taghha, tghid: *"Ma nistax nispjegah"* (*a fol.* 225). Tghid li hi (Kylie) harget mill-vettura ghax in-nannu qatalgha s-*seatbelt.* Tghid li hija certa dwar dan. Tikkonferma li s-*seat* tan-nofs ghandu *seatbelt* ukoll u li, jekk mhijiex sejra zball, dan huwa la genbha u mhux bhal dawk li jigi minn fuq l-ispalla. Tghid li nannietha ma gietx fuqha.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011, xehed l-i**Spettur Anthony Cassar** (*a fol.* 151 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tat-13 ta' April 2008 kienet marret id-Depot WPS 156 Sonia Parascandolo fejn giet mittiehda l-imputata sabiex isirilha l-*breathalyser test* li rrifjutat li taghmlu. Jghid li l-imputata giet infurmata li huwa reat kriminali jekk ma taghmilx it-test pero hija rrifjutat li taghmlu.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2011, xehdet **Alexia Attard** (Deputat Registratur – *a fol.* 160) fejn ipprezentat Nota ta' Acting Supretendent tas-Sahha Dr. Lina Janulova, f'liema Nota hemm indikat li qed jigi pprezentat kopja originali tal-*file* mediku u lista ta' tobba li ezaminaw lil Jane Ciantar. Din in-Nota u d-dokumenti annessi maghha jinsabu *a fol.* 164 *et seq.*.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2011, xehdet **Adriana Spiteri** fejn id-depozizzjoni taghha ma gietx traskritta. Waqt id-depozizzjoni taghha gie ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "AS" (*a fol.* 175A).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Dicembru 2011, xehed **PS 644 Evan Camilleri** (*a fol.* 188) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu li tinsab fil-Process Verbal hawn fuq imsemmi.[15]

Illi, fl-Inkjesta Magisterjali[16], fit-23 ta' April 2008, xehed **Roderick Attard Ghiller**[17] quddiem l-Espert Legali Dr. Anthony Cutajar fejn

[15] *A fol.* 114 *et seq* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
[16] *A fol.* 74 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

qal li dakinhar tal-akkadut kien sejjer fid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn flimkien mat-tfajla tieghu Diane Camilleri u li f'hin minnhom vann li kien qed isuq quddiemu bi *speed* normali gibed kemm kemm 'l barra minhabba li kien hemm vettura pparkjata. Jghid li ma jafx jekk dan il-vann qabizx il-linji l-bojod pero jghid li f'daqqa wahda giet vettura mid-direzzjoni opposta li baqghet diehla fil-genb tal-lemin tal-vann, bil-konsegwenza ta' liema l-vann inqaleb u l-vettura li dahlet fih spiccat fil-karreggjata taghha thares fid-direzzjoni opposta. Jghid li f'dan il-hin it-tfajla tieghu kienet rieqda.

Illi, fl-Inkjesta Magisterjali[18], fil-5 ta' Gunju 2008, xehed **Dr. Jean Paul Tabone**[19] quddiem l-Espert Legali Dr. Anthony Cutajar fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien ezamina lil Anthony Ciantar li sab li kellu nefha fix-xellug ta' mohhu, *abrasion* f'idejh tal-lemin, u nefha zghira fuq saqajh ix-xellugija fuq in-naha ta' gewwa tal-koxxa. Huwa kklassifika l-griehi bhala griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Ezebixxa kopja awtentika tan-noti medici tieghi li gew immarkati bhala Dok. "JPT" (*a fol.* 112 tal-Process Verbal[20]).

Illi, fl-Inkjesta Magisterjali[21], fil-15 ta' Settembru 2008, **Dr. Mario Scerri**[22] pprezenta r-rapport tieghu fir-rigward tal-ezami medikolegali li ghamel fuq Jane Ciantar fejn qal li meta ra s-*CT scan* li ttiehed rrizulta li kien hemm *lung contusions* u kien hemm indikazzjoni li kien hemm *rupture* tal-milsa. Jghid li kellha *periorbital haematoma* madwar l-ghajn ix-xellugija, *haematoma* fuq in-naha tal-lemin tal-mohh (*forehead*), fuq in-naha tal-lemin tal-mohh (*forehead*) kien hemm xi abrazjonijiet, fuq il-*parieto-occipital region* tax-xellug kien hemm lacerazzjoni li kienet suturata. Ciantar giet operata fit-13 ta' April 2008 fejn sarilha *explorative laparotomy* peress li kellha *rupture* tal-milsa. Huwa kkonkluda hekk:

---

[17] Fis-sottomissjoni (*a fol.* 263) inghad li x-xiehda ta' dan ix-xhud ghandha tkun wahda ammissibbli peress li kien hemm qbil li x-xiehda tieghu li nghatat biss quddiem Dr. Anthony Cutajar hija valida.

[18] *A fol.* 87 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

[19] Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 192) gie verbalizzat li d-difiza ezentat lil Dr. Jean Paul Tabone milli jikkonferma c-certifikat redatt minnu u dana b'rizerva ghall-kontro-ezami.

[20] *A fol.* 10A.

[21] *A fol.* 119 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

[22] Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 192) gie verbalizzat li d-difiza ezentat lil Dr. Mario Scerri milli jikkonferma r-rapport redatt minnu u dana b'rizerva ghall-kontro-ezami.

"2. Illi l-lezjonijiet deskritti kienu kompatibbli ma' *blunt trauma* rizultat ta' dan l-incident tat-traffiku msemmi.

3. Illi Jane Ciantar giet operata immedjatament peress illi kellha *rupture* tal-milsa.

4. Illi l-kondizzjoni ta' Ciantar baqghet stabbli, tjiebet u eventwalment din giet licenzjata mill-iSptar Mater Dei".[23]

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh fit-13 ta' April 2008 kmieni fil-ghodu liema incident kien jinvolvi vann misjuq minn Anthony Ciantar, liema vann kien qed jinstaq mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar sejjer fid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn,u vettura gejja mid-direzzjoni opposta, liema vettura kienet misjuqa mill-imputata. Filwaqt li l-imputata kienet wahidha fil-vettura, fil-vann misjuq minn Anthony Ciantar kien hemm mart Anthony Ciantar bl-isem ta' Jane Ciantar u n-neputija taghhom Kylie. Jirrizulta wkoll li l-vann inqaleb fuq in-naha tax-xellug tieghu u l-vettura misjuqa mill-imputata spiccat thares fid-direzzjoni opposta ta' dik li kienet gejja minnha. Bl-impatt, Jane Ciantar spiccat barra mill-vann. Mill-ezamijiet teknici li l-espert is-Sur Joseph Zammit ghamel fuq iz-zewg vetturi in kwistjoni ma rrizultalux li l-incident seta' gie kkagunat minn xi *fault* f'xi wahda minnhom.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata wahda wahda, thoss li jkun opportun li l-ewwel isiru numru ta' konsiderazzjonijiet rigward l-incident stradali *per se.*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper lookout*. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs.**

[23] *A fol.* 128-129 tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

**Roderick Debattista**[24], il-Qorti ghamlet taghha bran mehud minn decizjoni precedenti[25] u sostniet:

> "Gie appropositu ritenut li hu dover ta' *driver 'to see what is in plain view"* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** [10/08/1963] u li *'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout'* (Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs J.M. Laferla** [17/06/1961])".

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well".*

Illi Anthony Ciantar jishaq li filwaqt li huwa dejjem baqa' fuq il-karreggjata tieghu, l-imputata kienet qed issuq eccessiv u dahlet fuq il-karreggjata tieghu bil-konsegwenza li gara li gara. Dan jghidu kemm meta xehed quddiem il-Qorti, kemm meta ta l-verzjoni tieghu quddiem Dr. Anthony Cutajar li gie nkarigat fl-Inkjesta Magisterjali, u kif ukoll meta ta l-verzjoni tieghu lill-Pulizija wara l-akkadut meta qalilhom hekk:

> "Jiena kont nizel insuq il-vann tieghi bil-mod lejn id-direzzjoni ta' M'Scala u l-vettura l-ohra giet mid-direzzjoni ta' M'Scala lejn Zabbar *gas down* fuq l-istess *lane* tieghi, regghet dahlet fuq sajdha imbaghad regghet kisret u regghet giet fuq il-*lane* tieghi u haditni u l-van inqaleb. Peress li nqabdna fil-vann jien irnexxili nohrog u wara qtajt is-*seatbelt* ta' Kylie sabiex tkun tista' tohrog u wara qlajt is-*seatbelt* tal-mara u hrigtha mill-vettura". (*a fol.* 70).

[24] Appell Kriminali deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004].
[25] Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD].

Da parte taghha, l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u, tenut kont ta' dan, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghal dak li hija qalet lil Dr. Anthony Cutajar fl-Inkjesta Magisterjali. Fir-rapport tal-incident redatt mill-Pulizija jirrizulta li l-imputata qalet hekk:

> "Jien kont gejja minn M'Scala u f'daqqa wahda smajt habta u dort" (*a fol.* 70).

Illi Roderick Attard Ghiller, li kien qed isuq wara Anthony Ciantar, filwaqt li jghid li dan il-vann kien qed jinstaq bi *speed* normali, jghid ukoll li gibed kemm kemm 'l barra minhabba li kien hemm vettura pparkjata. Attard Ghiller qal li ma jafx jekk Anthony Ciantar xirifx fuq il-karreggjata l-ohra. Dan jirrizulta wkoll fir-rapport tal-incident stradali *per se*, fejn jirrizulta li wara l-incident Attard Ghiller qal hekk:

> "Jiena kont miexi wara l-vann u f'daqqa wahda l-vann qabez ftit il-barra u rajtu joghla" (*a fol.* 71).

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- It-triq fejn sehh l-incident mhijiex wahda dejqa.

- Anthony Ciantar ta spjegazzjoni cara ta' kif, skond hu, sehh l-incident stradali in kwistjoni.

- Minkejja li Anthony Citanar jishaq li ma kienx hemm vetturi pparkjati fuq in-naha tieghu tat-triq, dan ma jirrizultax li kien il-kaz. Dan qieghed jinghad peress li jirrizulta li kien hemm vettura pparkjata fil-genb tal-karreggjata li kien qed isuq fiha hu. Dan jirrizulta:

(a) Mill-iskizz li jinsab *a fol.* 109 tal-Process Verbal[26], liema skizz gie redatt minn WPS 156 Sonia Parascandolo li kkonfermat l-iskizz meta xehdet quddiem il-Qorti.

---

[26] *A fol.* 10A.

(b) Attard Ghiller jikkonferma li kien hemm din il-vettura pparkjata.

- Fuq l-iskizz[27] Ciantar indika b'salib b'cirku madwaru fejn, skond hu, sehh l-impatt. Skond Ciantar l-impatt sehh wara li l-imputata nvadiet il-karreggjata tieghu. Ta' min jinnota li fuq dan l-iskizz WPS 156 Sonia Parascandolo ndikat l-i*spot of impact* f'nofs it-triq. Id-difiza, tuza dan in sostenn tat-tezi taghha. Pero minn issa l-Qorti tinnota li dak li jigi ndikat mill-Pulizija ma ghandux jigi kkunsidrat bhala xi haga sagrosanta pero jrid jigi maghdud u kkunsidrat flimkien ma' fatturi ohra. Dan huwa dak li ser taghmel il-Qorti f'dan il-kaz.

- Il-hsarat kagunati fil-vann misjuq minn Ciantar u fuq il-vettura misjuqa mill-imputata kienu koncentrati fuq il-genb ta' quddiem tal-lemin taghhom[28].

- Minkejja li Anthony Ciantar, Jane Ciantar u n-neputija taghhom Kylie jghidu li kellhom is-*seatbelt*, ma jirrizultax li Jane Ciantar kellha *seat belt*. Dan qieghed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

(a) Kienet biss Jane Ciantar li bl-impatt spiccat barra mill-vann. Anthony Ciantar u n-neputija tieghu baqghu gewwa.

(b) Fir-rapport tieghu (Dok. "JZ" – precizament *a fol.* 25 tal-Process Verbal[29]), is-Sur Joseph Zammit jaghmel riferenza biss ghal *seat belt* li hemm fuq in-naha tax-xufier u ghal *seat belt* li hemm fuq in-naha tal-passiggier fejn filwaqt li jghid li dak tax-xufier instab shih f'postu, dak tal-passiggier instab spustjat barra kollu u maqtugh bi strument li jaqta'. Jirrizulta li s-*seat belt* ta' Kylie gie maqtugh sabiex hi setghet tohrog.

(c) Fid-dokumentazzjoni (Dok. "BF 1" – *a fol.* 52 *et seq.* u Dok. "SC" – *a fol.* 79 *et seq.*) li tirrigwarda l-vann li fih kien hemm Jane

[27] *A fol.* 109 tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
[28] *Vide* ritratti *a fol.* 57 u 59 tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).
[29] *A fol.* 10A.

Ciantar, liema dokumentazzjoni giet ipprezentata mir-rapprezentant tat-Transport Malta jirrizula li s-*seating capacity* tal-vann in kwistjoni kien dak ta' tnejn. Dan jirrizulta wkoll mid-dokument tas-socjeta' tal-assigurazzjoni (Dok. "AS" – *a fol.* 175A).[30]

- L-impatt bejn il-vann misjuq minn Ciantar u l-vettura misjuqa mill-imputata kien wiehed qawwi hafna. Dana jirrizulta mis-segwenti: mill-hsarat kagunati fil-vann u fil-vettura, il-mod kif spiccaw il-vann u l-vettura wara l-habta, fejn il-vann (li huwa ta' certu toqol) spicca f'certu distanza maqlub fuq in-naha tax-xellug tieghu u l-vettura misjuqa mill-imputata spiccat thares lejn id-direzzjoni opposta li kienet gejja fiha. Il-fatt li mal-impatt Jane Ciantar spiccat barra mill-vann huwa fattur iehor li juri li l-impatt kien wiehed qawwi.

- Is-Sur Joseph Zammit ikkonstata li l-hsarat fil-vann kienu tant estensivi li ma kienx valapena li jissewwa u ghalhekk iddikjarah bhala *beyond economical repair*.[31] Fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-imputata, is-Sur Zammit jghid li minkejja li din il-vettura garrbet hsarat estensivi, din il-vettura xorta baqghet f'kundizzjoni li tissewwa.

Illi, minn dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-ferma kovinzjoni li l-incident stradali *de quo* sehh unikament minhabba s-sewqan ta' l-imputata. Jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kien in-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-imputata altrimenti l-imputata setghet tinduna bil-vann misjuq minn Ciantar qabel sehh l-incident. Apparti minn dan, jirrizulta wkoll li l-imputata kienet qed issuq bi *speed* eccessiv u li hija, anke jekk bi ftit, xirfet fuq il-karreggjata li fuqha kien qed jinstaq il-vann minn Ciantar li jaghti

---

[30] Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2012 gie verbalizzat hekk: *"Id-Difiza tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq quddiemha lix-xhud Adriana Spiteri in rapprezentanza tas-Citadel stante li x-xhieda taghha ma gietx traskritta u dan qed isir ghar-ragunijiet illi s-Citadel hi sub-agent ta' GasanMamo li huma s-socjetajiet assiguratrici tal-vettura misjuqa mill-parte civile. Kienitx kopera jew le minn polza ta' assigurazzjoni ma tincidi xejn fuq il-mertu tal-kawza u dan ghaliex il-mertu tal-kawza jirrelata biss dwar id-dinamika ta' l-incident de quo"* (*a fol.* 208).

[31] *A fol.* 29 tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

deskrizzjoni cara ta' kif il-vettura tal-imputata bdiet isserrep qabel sehh l-incident.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoché* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (*Vide* Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li Anthony Ciantar ta lok sabiex sehh l-akkadut. Ma jirrizultax li huwa kien qed isuq bi *speed* eccessiv u ma jirrizultax anqas li xiref fuq il-karreggjata li fuqha kienet qed issuq l-imputata, u dana minkejja kwalunkwe manuvra li huwa ghamel minhabba l-vettura pparkjata. Il-Qorti hija tal-fehma li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte ta' Anthony Ciantar fir-rigward tal-incident *de quo* u b'hekk Ciantar m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Offiza ta' Natura Gravi fuq il-persuna ta' Jane Ciantar)</u>**:
Illi din l-imputazzjoni hija dik ta' griehi gravi involontarji skond l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioé griehi gravi kkawzati minhabba nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew addirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo**, 14.3.59, **Pol. vs. Wilson** [Vol. XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully*

*shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputata kienet zgur negligenti u traskurata fis-sewqan taghha. Dan qieghed jinghad meta wiehed jikkunsidra dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza u b'mod specjali meta wiehed jikkunsidra li jirrizulta li l-imputata ma kellhiex il-*proper lookout* li sewwieq huwa rikjest li ghandu jkollu u l-i*speed* li kienet qed issuq bih.

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti minn Jane Ciantar, il-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju l-Avukat Generali jelenka Artikoli 226(1)(a) u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rigward il-griehi sofferti minn Jane Ciantar, mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti, Jane Ciantar tghid li nehhewlha l-misla, li nkisrulha hames kustilji u li ghandha problema b'ghonqha. Tghid li ghandha dizabilita'.

- Fid-depozizzjoni taghha, Dr. Analise Gauci spjegat li l-griehi sofferti minn Jane Ciantar kienu *"grievous per natura"* (*a fol.* 57). Dan jirrizulta mic-certifikat (Dok. "AG" – *a fol.* 59) redatt minnha.

- Fir-rapport tieghu[32], Dr. Mario Scerri spjega fiex kienu jikkonsistu l-griehi sofferti minn Jane Ciantar fejn, fost l-ohrajn, qal li Ciantar giet operata fejn sarilha *explorative laparotomy* peress li kellha *rupture* tal-milsa.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu

[32] *A fol.* 120 *et seq.* tal-Process Verbal (*a fol.* 10A).

1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-Gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-Gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-Gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-griehi sofferti minn Jane Ciantar, il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha, u li gew rapportati hawn fuq, li l-griehi sofferti minn Jane Ciantar kienu griehi ta' natura gravi tant li kellha tigi operata peress li kellha *rupture* tal-milsa. Il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat jekk l-offiza kagunata fuq Jane Ciantar

ggibx il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero li huwa zgur huwa li l-offiza in kwistjoni hija wahda gravi. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li effettivament l-Artikolu li l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghalih fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, cioé Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie effettivament pruvat u ghaldaqstant jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata taht dan is-sub-Artikolu u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Offiza ta' Natura Hafifa fuq il-persuna ta' Anthony Ciantar)</u>**:
Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti, b'zieda ma' dawn, tinnota li fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni jirrizulta s-segwenti:

- Anthony Ciantar jixhed li hu kellu daqqa fuq mohhu, spalltu u saqajh tal-lemin.

- Dr. Jean Paul Tabone spjega li Anthony Ciantar kellu nefha fix-xellug ta' mohhu, *abrasion* f'idejh tal-lemin, u nefha zghira fuq saqajh ix-xellugija fuq in-naha ta' gewwa tal-koxxa. Huwa kklassifika l-griehi bhala griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Dan jirrizulta min-noti medici tieghu (Dok. "JPT" – *a fol.* 112 tal-Process Verbal[33]).

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li gie pruvat li l-griehi sofferti minn Anthony Ciantar kienu ta' natura hafifa. Isegwi ghalhekk li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tinstab hatja taghha.

---

[33] *A fol.* 10A.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Hsara Involontarja fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAF 052)</u>**:

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikoli 328(b), 328(c) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li gie pruvat li l-vann bin-numru ta' registrazzjoni HAF 052 hwa proprjeta' ta' Anthony Ciantar. Dan jirrizulta mid-dokumentazzjoni pprezentata mir-rapprezentati ta' Trasnsport Malta[34]. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll, u dana b'mod partikolari mir-rapport redatt mis-Sur Joseph Zammit (Dok. "JZ" – *a fol.* 18 *et seq.* tal-Process Verbal[35]) li gew kagunati hsarat fuq il-vann in kwistjoni. Meta dak li ghadu kemm inghad jittiehed in konsiderazzjoni ma' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata, iwassal lill-Qorti sabiex issib lill-imputata hatja tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha *ai termini* ta' Artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Sewqan ta' vettura meta mhux f'kondizzjoni li ssuq minhabba xorb)</u>**
**<u>(Sewqan ta' vettura bil-mutur b'koncentrazzjoni ta' alkohol fin-nifs oghla minn dik preskritta)</u>**

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li minn dak iz-zmien li sehh l-incident sallum dawn iz-zewg Artikoli tal-ligi msemmija gew emendati. Fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Anthony Ciantar, martu Jane Ciantar, in-neputija taghhom Kylie, u Roderick Attard Ghiller ma jghidu xejn fir-rigward tal-istat li allegatament kienet fih l-imputata.

---
[34] Dok. "BF 1" (*a fol.* 52 *et seq.*) u Dok. "SC" (*a fol.* 79 *et seq.*).
[35] *A fol.* 10A.

- WPS 156 Sonia Parascandolo spjegat li gie deciz li jsir test tan-nifs tal-imputata. Fid-depozizzjoni taghha quddiem il-Qorti tghid hekk: *"[M]eta kellimtha nnutajt mir-riha u imbaghad ghamilnilha l-breathalyser test u mmarka li kellha 100mg"* (*a fol.* 66). Fl-Inkjesta Magisterjali hija qalet is-segwenti: *"Jien lil din il-persuna bil-mod kif tkellmet u bl-attitudni taghha, gieghluni nissusspetta li setghet kienet xurbana u ghalhekk bghatt ghal tal-Mobile Squad li gew fuq il-post u cioé PC 1600 u PC 345 li ghamlu test tal-breahalyser"* (*a fol.* 69 tal-Process Verbal li jinsab *a fol.* 10A).

- PC 1600 Gilbert Gatt qal li l-imputata kienet tidher li kienet taht l-influwenza tal-alkohol minhabba li: *"kienet xi ftit imhawwda u anke kellha riha ta' xorb"*(*a fol.* 107). Jghid li l-qari tat-test irrizulta 100mg. Mistoqsi jghid jekk ghandux dan il-qari wiegeb fin-negattiv peress li qal li dan ikun *digital* u jidher biss fuq id-*display* tal-apparat.

- PC 345 Mark Cremona wkoll qal li l-*breathalyser test* fuq l-imputata immarka 100mg. Jghid: *"barra li l-persuna ma bdietx tirreagixxi b'mod normali, fil-konfront taghna dehrilna li kienet taht l-effett ta' l-alkohol anke ghaliex xammejna r-riha ta' l-alkohol u anke mill-agir li kienet qed taghmel din il-persuna"* (*a fol.* 113). Jghid li din kienet mhux qed timxi, kienet qed tpoggi ma' l-art u terga' tqum.

- WPC 183 Sarah Seychell spjegat li meta l-imputata ttiehdet il-Kwartieri Generali tal-Pulizija hija kellha riha ta' xorb fuqha.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Keith Aquilina** deciza fit-30 ta' Novembru 2009, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali, waqt li kienet qed taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward ta' sewqan ta' persuna li allegatament ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, qalet is-segwenti:

> "Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda

dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata.

Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-*particulars* u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu u jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija u kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghall-akkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi.

Hadd mix-xiehda li gew imressqa mill-Prosekuzzjoni ma nnotaw xi sewqan erratiku jew mhux normali da parte tal-imputat. Fil-fatt dana twaqqaf biss ghaliex ma kienx liebes is-*seat belt* mhux ghal xi kontravenzjoni ohra.

Ghalhekk il-fatt illi kien xurban irid jitqies bhala prova flimkien ma' provi ohra li setghu jwasslu ghall-konkluzzjoni illi l-imputat ma kellux il-kontroll tal-vettura.

Ir-*reading* tar-*road side test* wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, u dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jan Spiteri** deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa'

> kif inhi, din il-Qorti thoss illi ghandha ssegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti *in materia*".

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-atti processwali fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni u wara li hadet in konsiderazzjoni ta' dak li nghad fis-sentenza appena kwotata, inkluz il-fatt li fl-atti ma jirrizulta l-ebda dokument li juri r-rizultat tal-*breathalyser test*, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li dak li l-imputata qed tigi akkuzata bih fir-raba' (4) imputazzjoni gie pruvat sal-grad rikjest mil-ligi u ghadaqstant il-Qorti mhux ser issib htija tal-imputata fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni –**
**(Rifjut ta' Kampjun tan-Nifs)**

Illi, bhal fil-kaz tar-raba' (4) imputazzjoni, minn dak iz-zmien li sehh l-incident sallum Artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat ukoll. Mill-atti processwali, il-Qorti jirrizultalha s-segwenti:

- Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010 (*a fol.* 126) gie rikonoxxut li effettivament kien hemm rifjut. *Di fatti,* gie verbilizzat is-segwenti: *"Dwar ir-rekwizit (f), il-partijiet qeghdin jaqblu li t-tieni reading tal-breathalsyer ma sarx minhabba li kien hemm rifjut".* Rekwizit (f) tar-Rinviju tal-Avukat Generali tas-16 ta' Novembru 2010 jghid hekk: *"jingiebu l-provi u d-dokumenti necessarji ai fini ta' prova dwar it-testijiet tan-nifs li saru fuq l-akkuzata, kemm fuq il-post tal-incident kif ukoll wara"* (*a fol.* 124).

- WPC 183 Sarah Seychell spjegat li l-imputata rrifjutat li taghmel il-*breathalyser test* meta giet mittiehda l-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex taghmel dan it-test.

- L-iSpettur Anthony Cassar xehed fuq l-istess linji li xehdet fuqhom WPC 183 Sarah Seychell. Jghid ukoll li l-imputata giet infurmata li huwa reat kriminali jekk ma taghmilx it-test pero hija rrifjutat li taghmlu.

Illi fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza gibdet l-attenzjoni tal-Qorti li hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn l-imputata ma kienitx assistita minn avukat, la waqt li kienet fit-triq meta sar ir-*roadside test* u anqas meta giet mittiehda d-Depot. Huwa minnu dak li qed tghid id-difiza, pero fl-istess waqt il-Qorti ma tarax raguni valida ghala, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, m'ghandhiex issib lill-imputata hatja tal-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha meta jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata. B'hekk il-Qorti ser issib htija tal-imputata fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet, b'mod partikolari l-ewwel (1) u l-hames (5) imputazzjonijiet u kif ukoll il-fedina penali (*a fol.* 4) tal-imputata, li bl-ebda mod ma jistgha jinghad li hija wahda refrattarja.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kkunsidrat l-insejament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.

> Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' multa komplessiva fir-rigward ta' dak li taghha ser tinstab hatja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputata hatja tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnha, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Mejju 2012 u senjatament Artikoli 226(1)(b), 226(1)(c) u 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Ruth Grech hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha multa komplessiva ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2800), kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputata ghal zmien ta' tmien (8) xhur li jibdew jghoddu minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum thallas is-somma ta' elf, mitejn u erbgha u ghoxrin Euro u centezmu (€1224.01) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti jew periti f'dan il-kaz[36].

[36] Is-Sur Joseph Zammit (*a fol.* 35 *tergo* tal-Process Verbal): €338.09; Dr. Anthony Cutajar (*a fol.* 102 *tergo* tal-Process Verbal): €586.74; PS 644 Evan Camilleri (*a fol.* 117 tal-Process Verbal): €107.04; Dr. Mario Scerri (*a fol.* 130 tal-Process Verbal): €192.14.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba sabiex jigi applikat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma tara l-ebda raguni valida ghala ghandha jigu applikat dan l-Artikolu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**